AWTORITA' GHAS-SAHHA U S-SIGURTA'
FUQ IL-POST TAX-XOGHOL

# Stqarrija għall-Media

## Premju ta' Prattika Tajba fis-Saħħa u s-Sigurtà

16.01.09

Il-kontribut pożittiv fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol minn impriżi matul din l-aħħar sena ġie rikonoxxut mill-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (OHSA) waqt ċerimonja ta' l-għoti tal-premjijiet.

Dawn il-premjijiet ġew ippreżentati lir-rebbieħa mis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Politika Soċjali s-Sur Joseph Ebejer f'isem il-Ministru John Dalli li ma setgħax jattendi, minn Dr Mark Gauci u Ms Roberta Messina, il-Kap Eżekuttiv Ewlieni u ċ-*Chairperson* ta' l-OHSA rispettivament.

Din iċ-ċerimonja ta' l-għoti tal-premjijiet kienet waħda mill-inizjattivi bħala parti mill-kampanja 'Postijiet tax-Xogħol li Jġibu 'l Quddiem is-Saħħa' organizzata mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Din is-sena l-kampanja kellha bħala tema l-evalwazzjoni tar-riskju.

L-evalwazzjoni tar-riskju ('risk assessment'), hija eżaminazzjoni sistematika ta' l-aspetti kollha tax-xogħol, li tikkunsidra x'jista' jikkawża korriment jew ħsara, jekk il-perikli jistgħux jiġu eliminati u, jekk le, x'miżuri preventivi jew protettivi huma, jew għandhom ikunu fis-seħħ

biex jiġu kkontrollati r-riskji. Minn ħafna studji li saru, jidher fiċ-ċar u b'mod prattiku li meta ssir evalwazzjoni tar-riskju kif suppost u jittieħdu l-miżuri xierqa, ikun hemm nuqqas ta' inċidenti u mwiet fuq il-postijiet tax-xogħol, minbarra li jonqos ukoll il-mard relatat max-xogħol.

Din kienet is-sitt sena li ġew ippreżentati dawn il-premjijiet u l-għan tagħhom għas-sena 2008 kien li jirrikonoxxi lil dawk il-kumpaniji jew organizzazzjonijiet li jkunu taw kontribut siewi għall-prevenzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol.

Din is-sena l-ewwel premju mar għand **Actavis Ltd** għas-sottomissjoni li għamlu b'diversi evalwazzjonijiet tar-riskju u azzjonijiet innovativi li ħadu f'oqsma differenti fil-kumpanija li permezz tagħhom ġabu 'l quddiem il-kwalita' ta' l-ambjent tax-xogħol tal-ħaddiema.

Il-**Malta Freeport Terminals Ltd** ingħataw it-tieni premju għas-sistema innovativa kif jinħattu u jitgħabbew il-containers, sistema li tant kienet ta' suċċess li fil-fatt ġiet applikata f'pajjiżi oħra.

Il-**Westin Dragonara Resort** u l-**GO plc** qasmu t-tielet post għas-sottomissjonijiet tagħhom, wieħed għas-sistema ta' ventilazzjoni li mplimentaw u l-ieħor għall-azzjonijiet li ħadu sabiex il-ħaddiema jkunu jistgħu jaħdmu aktar fis-sigurtà fuq iċ-ċumnija tal-power station rispettivament.

Il-premjijiet kellhom l-għan li juru b'eżempju lil min iħaddem u lill-ħaddiema l-benefiċċji ta' prattiki tajba ta' saħħa u sigurtà sabiex jiġu kkontrollati r-riskji fuq il-post tax-xogħol. Din is-sena kien hemm 20 sottomissjoni, bi tlett kumpaniji jitfgħu iktar minn sottomissjoni waħda.

Ħafna mis-sottomissjonijiet kienu juru biċ-ċar l-impenn tal-maniġment li mhux biss jaqdi l-obbligazzjonijiet tal-liġi billi jagħmel l-evalwazzjoni tar-riskju, iżda jieħu l-miżuri neċessarji

sabiex il-perikli fuq il-ħaddiema jiġu mnaqqsa kemm jista’ jkun possibbli jew jiġu eliminati. Aspett ieħor pożittiv li ħareġ mis-sottomissjonijiet kien il-konsultazzjoni bejn il-maniġment u l-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom.

Is-sottomissjonijiet ġew aġġudikati minn panel ta’ ġurija indipendenti u r-rebbieħa ġew imħabbra waqt ċerimonja li saret dal-għodu fl-uffiċċini ta’ l-OHSA f’Tal-Pieta’.

[Ritratt: Mil-lemin għax-xellug: Is-Sur Ralph Bottone mill-Westin Dragonara Resort, Ms Daniela Cauchi mill-Actavis Ltd li kienu r-rebbieħa ta’ din is-sena, is-Sur Joseph Ebejer (Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Politika Soċjali), Ms Roberta Messina (Chairperson, OHSA), Dr Mark Gauci (Kap Eżekuttiv Ewlieni, OHSA), Ing Vincent Attard (Chairperson Bord tal-Ġurija, Is-Sur Joseph C. Agius mill-GO plc u s-Sur Mark Sultana mill-Malta Freeport Terminals Ltd]